

**L-Ewwel**

**Stazzjon**

**Ġesu**

**Quddiem Pilatu**

**Nadurawk o Ġesu u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Storja:** Student mill-Eritrea jirrakkonta kif darba fost l-oħrajn l-istudenti fl-Universita' ta' Asmara għamlu l-qalb u wrew id-diffikulta' tagħhom li kienu qegħdin ikollhom lectures, lezzjonijiet, twal wisq u pproponew li l-ħin jista' jinqasam. Dan kollu għamluh f'atmosfera ta' diskursata ċivili ħafna. Ma'għamlu l-ebda forma ta' protesta pubblika jew xi vjolenza.

L-għada filgħodu hekk kif daħlu l-universita' kienu msejħa biex jinġabru ħalli jkellmuhom fuq it-talba tagħhom. Malli nġabru, mal-elf student b'kollox, sabu ruħhom imdawrin bis-suldati u meħudin fl-aktar partijiet baxxi tal-Eritrea. Hemmhekk kienu mnezzgħin minn ħwejjiġhom u għal jumejn sħaħ kellhom jibqgħu bil-wieqfa fis-sħana tisreġ tal-jum u l-kesħa tremenda tal-lejl, kif jaf jagħmel it-temp fid-deżert. Sadanittant il-ġenituri baqgħu ma jafux x'sar minn uliedhom.

Wasal il-mument meta xi suldati ġew mixtrija u ħallew l-istudenti jaħarbu. Hekk dawn l-istudenti ġew ikkundannati biex ma jkomplux l-istudji tagħhom u saħansitra jkollhom jaħarbu mill-maħbubin tagħhom u minn pajjiżhom. Kundanna li kellhom jibqgħu jġorru għal ħajjithom bla m'għandhom l-ebda ħtija.

**Riflessjoni:** Ġesu inti għadek tiġi ikkundannat f'ċirkostanzi bħal dawn. Dawn l-istudenti kellhom futur quddiemhom, imma għax tkellmu favur is-sewwa sabu min jikkundannahom u jġiegħlhom jidħlu fit-tbatija; bħalek kellhom quddiehom il-passjoni ta' min isib ruħu miċħud minn dak li hu b'ġustizzja tiegħu.

**Talb tal-Ġemgħa:**

1. Nitolbu għal dawk kollha li qegħdin ibatu għas-sewwa bla ħtija u lesti li jitkellmu favur is-sewwa, ukoll meta dan kollu jitlob sagrifiċċju personali. Nitolbu.
2. Nitolbu għal dawk kollha li għandhom id-dover li jħarsu s-sewwa billi jħaddmu l-ġustizzja ħalli s-sewwa jimxi 'l quddiem u kulħadd jgħix fi klima ta' paċi. Nitolbu.
3. Nitolbu għalina lkoll ħalli naħdmu ħalli s-sewwa u l-verita' jkunu valuri li kulħadd jista' jgħix u jgawdi. Nitolbu.

**Nitolbu:** Ġesu meta kont quddiem Pilatu, hu staqsiek x'inhi l-verita, u inti bqajt sieket għax il-verita kont inti nnifsek, b'dak kollu li għixt, għidt u għamilt. Nitolbuk ħalli aħna jkollna moħħna, qalbna u għajnejna miftuħin ħalli nistgħu nagħrfu l-verita wkoll fejn jidħlu dawn ħutna r-refuġjati u ma nkunux pronti niġġudikawhom.

**Imbierkin l-passjoni u l-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesu Kristu.**
**Mulej ħenn għalina u ieqaf magħna.**



# It-Tieni Stazzjon

# Ġesu Mgħobbi s-Salib

**Nadurawk o Ġesu u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Storja:** Kienet ġurnata tax-xogħol. Familja fis-Somalja li kellhom l-għelieqi u saħansitra forn li bih kienu jaqdu lin-nies tar-raħal kienu fuq xogħolhom. Għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar membri tal-milizja waslu fil-post ta' din il-familja u qalulhom biex jitilqu minn hemm għax dak il-post rieduh għall-milizja tagħhom. Ma' din l-ordni saret reżistenza mill-missier ta' din il-familja u l-ulied subien il-kbar. Il-milizja rrispondiet għal din ir-resistenza bl-armi. Qatlu l-missier u wieħed mill-ulied. L-oħrajn ġrew lejn id-dar tal-familja ħalli jgħinu l-ommhom u l-ħuthom l-oħra biex jaħarbu. Hekk din il-familja bdiet idduq il-piż tas-salib ta' min jiġi mċaħħad minn dak li bi dritt hu tiegħu. Kellhom jaħarbu u jinfirdu mimlijin imrar għal dak li kien qiegħed jiġri fil-propjeta tagħhom, mill-familja tagħhom u minn pajjiżhom.

**Riflessjoni:** Hemm tbatija li ġejja minn ċirkostanzi naturali bħalma hi t-tbatija tal-mard, imma hemm tbatija li jimponi bla bżonn il-bniedem fuq bnedmin ħutu; tbatija kaġun l-inġustizzja, l-egoiżmu u l-kefrija. Kemm hu importanti li jkollna kuxjenza dejjem aktar sensittiva għal din it-tbatija biex naħdmu ħalli tiġi evitata!

**<u>Talbiet tal-Ġemgħa:</u>**

1. Quddiem it-tbatija ħafna drabi nħossuna bla ħila. Nitobuk Mulej li tgħinna naħdmu ħalli tonqos kull xorta ta’ tbatija fid-dinja. Nitolbu.
2. Nitolbuk għal dawk kollha li jagħtu ħajjithom jaħdmu biex tirrenja l-armonija u jonqsu l-uġiegħ u l-biki. Nitolbu.
3. Nitobuk għal dawk ħutna li mietu waqt li offrew ħajjithom biex ikunu sturment ta’ paċi u ġustizzja fid-dinja. Nitolbu.

**<u>Talba:</u>** Ġesu x’rajt fis-salib biex terfgħu għall-imħabba tagħna? Fis-salib inti rajt il-mezz li tasal biex tgħinna nifhmu li għalkemm jeżistu l-inġustizzji, jekk aħna nkunu kapaċi nerfgħu salibna bla ma nkissru lil ħaddieħor naslu biex bil-mod kif nittrattaw ma’ dawn l-inġustizzji nsiru sturment ta’ paċi u nibnu l-kultura tal-imħabba tal-aħwa. Għinna ħalli s-salib ikun għal kulħadd l-għuda tas-salvazzjoni.

**Imbierkin il-passjoni l-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesu Kristu.**
**Mulej ħenn għalina u ieqaf magħna.**



# It-Tielet Stazzjon

# Ġesu Jaqa' Għall-Ewwel Darba

**Nadurawk o Ġesu u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Storja:** Mal-eluf li kellhom jaħarbu minn pajjiżhom, iċ-Chad, kien hemm ukoll Abiba bit-tliet uliedha. Kienet mara li ma kienitx taf x'sar minn żewġha. Huwa kien ħarab xhur qabel bit-tama li meta jkun f'ambjent aktar sgur jibgħat għal martu u wliedhom u flimkien jerġgħu jibnu ħajjithom. Abiba baqgħet ma semgħet xejn dwar żewġha u għalhekk iddeċidiet li hi wkoll kellha taħrab bit-tfal. Waqt dan il-vjaġġ perikuluż sabet min ifixkilha u jaqtgħlha qalbha. Sofriet kull forma ta' abbuż fit-triq biex twassal lil uliedha f'post fejn setgħet isserraħ moħħha li jkunu jistgħu jfendu għal rashom. Kienet miċħuda mid-dinjita kollha tagħha. Mhux darba u tnejn kienet tisħel taqta' qalbha taħt is-salib tat-tbatija u d-diffikultajiet imma kull darba terġa' tqum fuq saqajha u tkompli miexja fit-triq twila tagħha.

**Riflessjoni:** Kemm hi iebsa din ir-realta! It-triq twila u diffiċli. Trid jew ma tridx ikollok tibqa' miexi. Mat-triq issib min jifhmek u jkun irid jgħinek. Iżda issib ukoll , min ikompli jitfa' l-piż tat-tbatija fuqek. Ikun hemm min jaħseb li dik it-tbatija kollha inti tkun ġibtha fuqek b'idejk stess, tort tiegħek. Din hi l-enigma tat-tbatija. Min ikun taħt il-piż tas-salib faċli jistaqsi għaliex dik it-tbatija kollha kellha tmiss lilu. Bosta drabi ma jkunx hemm risposta għal dawn id-domandi. It-tama titqawwa l-kuraġġ meta fit-triq tat-tbatija għalkemm jkun hemm il-waqgħat imma jkun hemm ukoll il-kuraġġ li tqum u tibqa' miexi.

**<u>Talb tal-Ġemgħa:</u>**

1. It-triq tal-ħajja taf tkun diffiċli; nitolbuk għal kull min hu għadej minn mumenti ta' qtigħ il-qalb, biex għalkemm iħoss ruħu taħt il-piż tas-salib ikollu l-kuraġġ iqum u jkompli t-triq. Nitolbu.
2. Fit-triq hemm persuni, li huma fil-ġenb, lesti li jikkritikaw u jikkundannaw. Nitolbuk għalihom biex jaraw l-iżball tagħhom u jrażżnu lilhom infushom fil-ġudizzji tagħhom. Nitolbu.
3. Fit-triq hemm min hu ta' karattru dgħajjef, li għalkemm għandu qalb li taf titħassar imma isibha diffiċli li jgħin. Nitolbuk għal persuni bħal dawn biex jagħmlu li jistgħu u ma jħallux it-tbatija tifnihom u tħallihom passivi. Nitolbu.

**<u>Talba:</u>** Il-piż tal-ħajja tqil u faċli naqgħu taħtu; nitolbuk Mulej għal kull min f'dawn il-mumenti dan il-piż qed iħossu wisq diffiċli u qiegħed jaqa' taħtu. Għinu jqum u jkompli miexi. Għin lilna lkoll biex ma nkunx sempliċi spetatturi f'dan il-mument, imma nkunu lesti li ngħinu u b'mod speċjali nrażżnu lilna nnfusna jekk inkunu ser ngħaddu xi ġudizzju fuq min naraw taħt il-piż tas-salib.

**Imberkin il-passjoni u l-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesu Kristu.**
**Mulej ħenn għalina u ieqaf magħna.**



**Ir-Raba'**

**Stazzjon**

**Ġesu jiltaqa'**

**Ma' Ommu**

**Marija**

**Nadurawk o Ġesu u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

__Storja:__ Ġuvni Somalu, ta' wieħed u għoxrin sena, li qiegħed fostna, f'Malta wasal biex jistaqsi kif jista' jagħmel biex ikellem lill-ommu u lill-membri l-oħra tad-dar. Hu seta' jaqbad it-telefone ċelulari tiegħu u jkellimha. Iżda jekk jagħmel hekk ikun qiegħed ipoġġi fil-periklu l-ħajja ta' ommu stess. Meta l-milizja fis-Somalja tinduna li xi ġuvni li kellu jagħmel it-taħriġ militari jaħrab jew jirrifjuta li jagħmel dan it-taħriġ tkun trid li jkun hemm tpattija għal dan; jekk mhux hu nnifsu għax ma jkunx preżenti, ipattu għailh tad-dar l-aktar ommu jekk tkun taf li ħarab.

Għalhekk mhux darba jew tnejn l-għaqdiet ta' voluntarjat li jaħdmu b'risq dawn ħutna jippruvaw jkkuntattjaw lill-qraba tagħhom f'isimhom. Kemm ikun mument kommoventi meta iben ikun jista' jitkellem mal-ġenituri tiegħu l-aktar lil ommu. Il-qalb tal-ommu tħabbat ma' tal-ulied l-aktar meta jkunu għaddejjin mill-gwaj u t-tbatija.

**<u>Riflessjoni:</u>** Kemm kien mument kommoventi meta Ġesu ltaqa' ma' ommu Marija fi triqtu sal-kalvarju. Mument fejn żewġt iqlub iltaqgħu u bla kliem fehmu lil xulxin u wrew is-solidarjeta ta' bejniethom f'qagħda diffiċli. Marija batiet meta rat lil Ġesu mgħobbi bis-salib, imma l-akbar tbatija ta' Marija kienet meta fehemet li Ġesu hu innoċenti u qiegħed ibati sforz l-ingratitudni tal-bnedmin għall-imħabba kbira li Hu għandu għalihom.

**<u>Talb tal-Ġemgħa:</u>**

1. Nitolbuk Mulej għal dawk l-ommijiet li mifnijin mit-tbatija ta' uliedhom iħossuhom bla ħila u għajjenijn quddiem din ir-realta. Nitolbu.
2. Nitolbuk għal dawk l-ulied li kultant jistgħu jkunu ngrati għal dak li l-ġenituri tant jagħmlu magħhom. Nitobu.
3. Ftakar f'dawk il-ġenituri li ħallewna biex daħlu fil-mistrieħ ta' dejjem wara tant sofferenzi minħabba l-qagħda u l-ħajja ta' uliedhom. Nitolbu.

**<u>Talba:</u>**

Marija inti li batejt ma' ibnek Ġesu idħol għal dawk l-ġenituri li jkollhom isofru minħabba wliedhom, l-aktar meta jħossuhom ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn quddiem is-sitwazzjoni. Idħol għal dawk l-ulied li minħabba ċerti sitwazzjonijiet isibu ruħhom fid-diffikultajiet u jkunu ta' dispjaċir għall-ġenituri tagħhom.

**Imbierkin il-passjoni u l-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesu Kristu.**
**Mulej ħenn għalina u ieqaf magħna.**



**Il-Hames**

**Stazzjon**

**Iċ-Ċirinew Jgħin**

**Lil Ġesu**

**Jerfa' s-Salib**

**Nadurawk o Ġesu u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**<u>Storja:</u>** Telqu flimkien minn art twelidhom biex iffittxu kenn f'artijiet aktar żguri. Kellhom jgħaddu minn ħafna esperjenzi diffiċli u ta' tbatija. Kellhom jaqsmu deżert bil-perikli kollha tiegħu, u fruntieri bis-sigurta tagħhom fid-dubju sakemm waslu biex jaqsmu bil-baħar għall-Ewropa. Dan il-vjaġġ prekarju wassalhom fuq it-tarġa tal-mewt. Meta d-dgħajsa li kienu fuqha għerqet. Mara li kienet fuq din l-istess dgħajsa irnexxielha ssalva u magħha ssalva żewġt it-trabi li f'dik it-traġedja tilfu lill-ġenituri tagħhom.

**<u>Riflessjoni:</u>** Kemm hu ħafif li toqgħod fil-ġenb titħassar lil dak li jkun u tieqaf hemm. Il-ħasra mhix biżżejjed biex turi s-solidarjeta ma' min hu fil-bżonn u fit-tiġrib tal-ħajja. Trid tmidd idejk fit-tbatija u ma għandux ikun hemm bżonn li xi ħadd ieħor jimbuttak biex tagħmel dan. Is-sensittivita għall-bżonnijiet ta' ħaddieħor hi virtu li wieħed irid jimmatura fiha. Din hi sfida li tmur kontra n-natura tal-bniedem. In-natura tgħidlek dabbar rasek, tindaħalx, jew ħalli f'idejn ħaddieħor. Iżda l-imħabba nisranija timbuttak biex tmidd idejk fil-bżonn, biex tkun Ċirinew u tgħin fit-tbatija tas-salib.

**<u>Talb tal-ġemgħa:</u>**

1. Nitolbu għal kull min jieħu xi inizjattiva biex ikun ta' għajnuna għal ħaddieħor ħalli ma jaqtax qalbu u jwassal din l-inzjattiva sat-tmiem.
2. Nitolbu għal kull min jagħti sehmu fil-voluntarjat biex jara li din il-ħidma mhix sempliċement ħierġa mill-ħasra ta' persuni lejn xulxin imma għax fil-persuna fil-bżonn wieħed jilmaħ lil Kristu stess, fit-tbatija.
3. Nitolbu għalina lkoll biex inħossuna privileġġjati jekk nindunaw li hemm min hu bżonn tal-għajnuna tagħna u nkunu lesti li ngħinu bla ma nistennew xejn lura u nagħmlu dan bla ħafna daqq tat-trombi.

**<u>Talba:</u>**

Mulej grazzi li fil-ħajja nsibu minn irid ikun Ċirinew għal ħutu l-bnedmin fit-tbatija. Żomm idejk fuq kull min qiegħed jgħin biex itaffi t-tbatija bla ma joqgħod jiftaħar jew jagħmel li jagħmel għal għajn in-nies.

**Imberkin l-passjoni u l-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesu Kristu.**
**Mulej ħenn għalina u ieqaf magħna.**



**Is-Sitt**

**Stazzjon**

**Il-Veronika**

**Tixxotta d-Dmija**

**Minn Wiċċ**

**Ġesu.**

**Nadurawk o Ġesu u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Storja:** Hekk kif tasal dgħajsa jew xi qoxra tal-baħar fuq xtutna, mimlija persuni li ħarbu minn pajjiżhom biex ifittxu kenn f'artijiet oħra, ikun hemm min jikkundannahom u jkun hemm min jistmerrhom. Iżda jkun hemmukoll bosta li jagħmlu ħilithom kollha biex jgħinuhom.. Persuni li jħossu għal kull min hu batut jeżistu u joħorġu għonqhom għal dawn in-nies. Fil-batut jaraw lil Ġesu nnifsu. Il-ħarsa tal-batut tinfed il-qlub sensittivi u mimlijin ħniena għall-oħrajn.

**Riflessjoni:** Kemm hu faċli toqgħod mal-ġenb tat-triq tara u tikkritika lil ħaddieħor! Tista' tkun persuna tant intelliġenti li tipproponi x'għandu jagħmel ħaddieħor, imma tħalli x-xogħol għall-oħrajn. Il-passivita mhix kwalita sabiħa, imma ħafna jafu jgħixuha. Mhux bilfors ikunu kuntenti, imma jgħixu jew aħjar jeżistu. Kemm hu sabiħ li tagħti ħajtek għall-oħrajn bla ma tistenna xejn lura! Il-faraġ li persuna tħoss meta tagħti ħajjitha biex tgħin lill-batut, ukoll għal min ma tafx imma għax, tara fih lil Kristu, jibqa' stampat f'qalbek u f'moħħok.

**Talb tal-Ġemgħa:**

1. Nitolbu għal kull min hu mġarrab mit-tbatija imma jħossu minsi u mwarrab u ħadd m'hu lest li jagħtih daqqa t'id. Nitolbu.
2. Nitolbu għal dawk kollha li b'ġenerożita joffru ħajjithom kemm f'għaqdiet volontarji, kemm fil-missjonijiet għal tul ta' żmien jew għal perijodi qosra biex f'dan il-ġest jaraw li qegħdin joqorbu aktar lejn Ġesu fit-tbatija. Nitolbu.

3. Nitolbu għal kull min jixtieq jagħmel xi ħaġa aktar bis-sens f'ħajtu imma m'għandux kuraġġ jieħu l-pass deċiżiv li jinqala' mill-folla u jmidd idejh, ħalli jasal għal dan il-mument importanti. Nitolbu.

**Talba:**

Xbiha vera ta' Ġesu, f'idejn il- Veronika, idħol f'qalbi ħalli nikber fis-sentimenti tiegħi għall-oħrajn u jkolli kuraġġ nieħu l-pass deċiżiv li ngħin kull fejn hemm bżonn. Mulej neħħi minn fuq għajnejja l-għamad tal-preġudizzji, tal-inġustizzja u tal-mibgħeda ħalli fil-proxxmu kollu nkun nista' nilmaħ lilek.

**Imberkin il-passjoni u l-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesu Kristu.**
**Mulej ħenn għalina u ieqaf magħna**



**Is-Seba'**

**Stazzjon**

**Ġesu**

**Jaqa' għat-Tieni**

**Darba**

**Nadurawk o Ġesu u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**<u>Storja:</u>** Grupp ta' Somali wara tant ġranet jaqsmu d-deżert, bejn jimxu u bejn jiddubbaw rikba fuq xi trakk jirnexxilhom jaslu u jaqsmu l-fruntiera tal-Libja. Ikomplu deħlin f'dan il-pajjiż kbir, imma ma jilħqux jgħaddu wisq ġranet li ma jinqabdux u jiġu arrestati u meħudin f'*container* sa kemm jasal il-mument li jeħduhom f'ħabs lejn Misurata. Sa kemm kienu f'dan il-*container,* in-nisa jgħaddu minn stupru u l-irġiel minn swat u kull xorta ta' moħqrija. Hekk ħajjithom dawn in-nies fit-triq għall-ħelsien, ikollhom waqgħat u wġiegħ. Minkejja kollox, il-fjamma tat-tama baqgħet tixgħel fihom

**<u>Riflessjoni:</u>** Kemm jiflaħ jaqla' l-bniedem?! Imma l-għatx għall-ħelsien jibqa' jixegħel dik it-tama li tidher 'l-bogħod u impossibbli. Il-ħelsien hu rigal li jagħti Alla nnifsu meta joħloq il-bniedem, kull bniedem. Imma jiġri li bnedmin oħra jafu jiċħdu dan il-ħelsien lil bnedmin ħuthom. Kuraġġ ja bniedem! Int fejn int u f'liema ċirkostanza int taqtax qalbek, għax minkejja kull waqgħa hemm t-tama tal-qawmien biex fit-triq li baqa' quddiemek tilmaħ l-imħabba t'Alla wkoll jekk imċajpra mill-eġoiżmu tal-bniedem.

**Talb tal-ġemgħa:**

1. Naqgħu  u nqumu; il-ħajja hi mimlija b'dawn il-mumenti.  Għinna Mulej ħalli dawn il-mumenti iebsin ma nħalluhomx jaqtgħulna qalbna.  Nitolbu.

2. Kull waqgħa fil-ħajja tista' ddgħajjef ir-rieda ta' dak li jkun jew għall-kuntrarju tħeġġu għal sfida akbar.  Nitolbuk Mulej għal ħutna l-migranti biex qatt ma jieqfu jagħmlu kuraġġ fil-vjaġġ tal-ħajja.

3. Nitolbuk għal dawk kollha li għandhom karattru iebes u diffiċli u li bla ma jridu jġiegħlu lil ħaddieħor ibati.  Agħtihom id-dawl tal-ħniena tiegħek u ħalli jaslu li jrattbu qlubhom.  Nitolbu.

**Talba:** Ġesu il-waqgħat huma ħafna fil-ħajja.  Kull waqgħa għandha l-uġiegħ tagħha.  Ħallina nħarsu lejk fit-triq tal-passjoni u naraw kif inti kellek il-ħila tiġi wiċċ imb'wiċċ ma' dawn il-waqgħat.  Agħtina l-għajnuna biex aħna wkoll nagħmlu l-kuraġġ fil-waqgħat tagħna u ngħinu lill-oħrajn fil-waqgħat tal-ħajja tagħhom.  Ammen.



**It-Tmien**

**Stazzjon**

**Ġesu**

**Jiltaqa' man-Nisa**

**Ta' Ġerusalemm**

**Nadurawk o Ġesu u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Storja:** Fil-ħabs ta' Misurata, fost ir-refuġjati kien hemm grupp ta' nisa mill-Etiopja li tant ħassewhom abbandunati minn kulħadd. Huma kienu ta' fidi nisranija ta' rit Grieg/Ortodoss. Fil-ħabs l-aktar li kien hemm kienu nies ta' fidi Musulmana. Il-grupp mill-Etiopja bdew jinqatgħu għalihom u ma jkellmu lil ħadd. Darba fost l-oħrajn kellhom żjara minn waħda soru tal-komunita tas-sorijiet ta' Mother Theresa. Din is-soru għamlitilhom il-qalb u qaltilhom biex ma jibqgħux maqtugħin għal rashom. Ħeġġithom jitħalltu ma' l-oħrajn li bħalhom kienu f'daka l-istat. Hi stess tathom l-eżempju billi bdiet tkellem lil kulħadd u introduċjiethom ma' sħabhom, refuġjati bħalhom. Hekk dawn in-nisa ħadu l-kunfidenza u ma baqgħux imwarbin u għalihom weħidhom jibku xortihom.

**Riflessjoni:** Kemm hu importanti li fil-ħajja ma toqgħodx tikbi xortik imma tagħmel xi ħaġa biex timxi l quddiem. Veru li jkun hemm sitwazzjonijiet tant diffiċli li tħossok taqta' qalbek u li fihom faċli li ssib il-mistrieħ billi toqgħod fil-ġenb tat-triq tal-ħajja. Fl-istess ħin pero hu importanti li tirrifletti li fil-ħajja dejjem tista' ssib lil min b'mod jew ieħor jagħmillek il-qalb u jagħtik il-kuraġġ biex tgħin ruħek.

**<u>Talb tal-Ġemgħa:</u>**

1. Grazzi Mulej li tipprovdilna tant persuni li għalkemm għandhom id-diffikultajiet tagħhom, imma huma lesti li jinsew lilhom infushom u jiddedikaw ħajjithom għall-oħrajn. Nitolbu.

2. Nitolbuk għal kull min iħossu waħdu u bla ħila, ma jafx x'jaqbad jagħmel fid-diffikultajiet tal-ħajja, biex ma jaqtax qalbu u jemmen li dejjem hemm xi ħadd li lest li jagħti kasu u jgħinu. Nitolbu.

3. Nitolbuk għat-tfal refuġjati f'sitwazzjonijiet ta' instabilita u miżerja, biex isibu l-protezzjoni meħtieġa kemm mill-ġenituri kif ukoll minn dawk kollha li jistgħu jgħinuhom ħalli jgħaddu dan iż-żmien ta' refuġju bla ma jħalilhom tant ħsara u marka fil-karattru tagħhom. Nitolbu.

**<u>Talba:</u>**

Nitolbuk għar refuġjati li jħossuhom bla ħila quddiem id-diffikultajiet tagħhom, biex ikollhom il-qawwa li jgħinu ruħhom u jimxu l quddiem. Il-fatt tat-tbatija hu iebes imma dejjem hemm il-kuraġġ li ġej minnek Mulej, li erfajt is-Salib, u għaddejt il-passjoni għall-imħabba tagħna lkoll.

**Imberkin il-passjoni u l-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesu Kristu.**
**Mulejja ħenn għalina u ieqaf magħna**.



**Id-Disa'**

**Stazzjon**

**Ġesu**

**Jaqa' t-Tielet**

**Darba**

**Nadurawk o Ġesu u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Storja:** It-triq, għar-refuġjati, hi twila. Faċli li taqtagħlek qalbek u tgħejja fil-vjaġġ. Mhux darba u tnejn nisimgħu bi traġedji ta' refuġjati li jitilfu ħajjithom fid-deżert jew fil-baħar. Oħrajn iġarrbu xi disgrazzja u jeħilsuha bi ftit. Il-bniedem jaqa', sa kemm isib is-saħħa li jerġa' jqum biex ikompli l-vjaġġ tiegħu. Is-saħħa ssir dgħajfa u fraġli. Spiss ma jibqa' xejn x'wieħed jitlef ħlief ħajtu. Ggħalhekk jagħmel il-ħila biex ma jitlifihiex. Barra minhekk dawn in-nies ikollhom mira x'jilħqu, li jaslu fl-art fejn jistgħu jgħixu bi kwiethom. Din hi mira mill-aktar leċita għal kull bniedem.

**Riflessjoni:** Ġesu inti wkoll sibtha diffiċli t-triq li twassal għas-salvazzjoni. Waqajt u qomt għal kemm il-darba, imma bqajt sejjer biex tkun tista' tilħaq il-mira ta' ħajtek li ssalvana. Għin lil dawn ħutna refuġjati jsibu l-kuraġġ biex jibqgħu huma wkoll sejrin ħalli jilħqu l-mira ta' ħajjithom. Għin ukoll lilna, li naraw lilek fihom. Għinna jkollna l-qawwa li ngħinuhom ħalli jaslu għas-salvazzjoni tagħhom u tal-familji tagħhom.

**Talb tal-ġemgħa:**

1. Nitolbuk Mulej għal dawk li jħossuhom wisq għajjenin fil-vjaġġ ta' ħajjithom biex ma jaqtgħux qalbhom u jibqgħu jemmnu fis-salvazzjoni tagħhom nfushom u tal-familja tagħhom. Nitolbu.
2. Nitolbuk għal dawk li għax ma jafux bil-preżenza tiegħek, waqt il-mumenti diffiċli, ma jirrikorrux lejk imma jemmnu biss fil-ħila tagħhom, u meta din tfalli jisħlu jaqtgħu qalbhom. Nitolbu.

3. Nitolbuk għal kull min għandu l-awtorita u qiegħed f'pożizzjoni li jista' jgħin f'dawn iċ-ċirkostanzi diffiċli, biex jagħti l-mija fil-mija ta' ħiltu għal din il-kawża ġusta. Nitolbu.

**Talba:** Mulej Ġesu ieqaf ma' kull minn wasal f'mument daqshekk diffiċili li kważi qata' qalbu għal kollox, biex isalva u jasal biex jilħaq il-mira ta' ħajtu. Ftakar fit-tielet waqgħa' tiegħek li kienet mument iebes ħafna għalik imma kellek il-ħila terġa' tqum u tkompli miexi sal-mument tas-Salib. Ammen.

**Imberkin l-passjoni u l-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesu Kristu.**

**Mulej ħenn għalina u ieqaf magħna.**



**L-Għaxar**
**Stazzjon**

**Ġesu**
**Mnezza'**
**Minn Ħwejġu.**

**Nadurawk o Ġesu u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Storja:** Il-Malti għandu espressjoni, "Ta' fuqek senduqek", li nafu li tfisser li m'għandek xejn ħlief dak li għandek fuqek. Dawn ħutna r-refuġjati ħafna drabi jkollhom jaħarbu b'dak il-ftit li jistgħu jġorru magħhom. Ġieli jispiċċaw biex jitilfu dan ukoll u jaslu b'xejn. Huma jkollhom bżonn kollox u lil kulħadd. Jista' jiġrilhom ukoll li jkunu sfurzati jinżgħu għal kollox ħwejjiġhom biex jiġu abbużati. Kemm hu mument ta' umiljazzjoni! Min ser jgħatti l-għera tagħhom, jekk mhux jien u int li fihom nilmħu lill-istess Ġesu fil-mument tal-passjoni tiegħu li fih kien imneżża minn ħwejġu biex isallbuh?!

**Riflessjoni:** Mulej, għinna ma nistkerħux l-għera ta' dawn ħutna. Agħtina l-kuraġġ ħalli nersqu lejhom u fl-għera tagħhom ngħinuhom biex fuq kollox jerġgħu jiksbu u jilbsu d-dinjita tagħhom ta' bnedmin li huma.

**Talb tal-ġemgħa:**

1. Nitolbuk Mulej għal dawk kollha li jħossuhom tant bla ħila u bla dinjita' li jħossu li huma daqs li kieku huma mneżżegħin minn kollox. Nitolbu.
2. Nitolbuk għal dawk li huma tant iebsin fl-imġieba tagħhom ma' l-oħrajn li ma jiddejqux li jneżżgħu lil ħuthom il-bnedmin minn kollox u b'kull mod. Nitolbu

3. Nitolbuk Mulej biex aħna lkoll nifhmu il-kelma tiegħek, "Kont għeri u libbistuni". Għinna naħdmu biex kulħadd ikun jista' jgħix flimkien mal-oħrajn b'dinjita ta' bnedmin, wild l-istess Missier. Nitolbu.

**Talba:**

Mulej Ġesu aħna kultant ma niddejqux inneżżgħu lil ħaddieħor mid-dinjita tiegħu. Nagħmlu dan b'mod speċjali meta niġġudikaw, jew immaqdru, jew inxerrdu xi malafama fuq l-oħrajn. Lanqas ma niddejqu nitkellmu b'mod dispreġjattiv, minħabba l-kulur tal-ġilda, jew minħabba xi difett li jista' jkollu dak li jkun. Għinna naħdmu ħalli kulħadd jgħix b'dinjita ta' uliedek li aħna.

**Imberkin il-passjoni u l-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu.**
**Mulej ħenn għalina u ieqaf magħna.**




**Il-Ħdax–il**

**Stazzjon**

**Ġesu Jiġi**

**Msammar**

**Mas-Salib**

**Nadurawk o Ġesu u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Storja:** Il-vjaġġ iebes li jkollhom jagħmlu ħutna r-refuġjati jħalli l-effetti tiegħu fuqhom. Ħafna minnhom din it-trawma teffetwahom f'moħħhom, oħrajn f'ġisimhom. Ħafna minn dawn l-effetti jgħaddu u jfiequ minnhom, imma hemm oħrajn li jibqgħu taħthom għal għomorhom kollu. Dan ikun biċċa oħra mis-salib li jkollhom iġorru. Il-frustrazzjoni li jsibu rwieħhom fiha tista' twassalhom biex jitilfu kull skop fil-ħajja u jintilfu f'abbandun totali. Min jara dan kollu u jiftaħ qalbu biex jifhem minn xiex jgħaddu dawn ħutna faċli jimmaġina ħierġa minn qalbhom il-karba, "Alla tiegħi, Alla tiegħi għaliex tlaqtni?!"

**Riflessjoni:** Ġesu fil-mument li minn qalbu ħarġet din il-karba, għalkemm ħass il-kefrija tat-tbatija li kellu jgħaddi minnha bla ma kien jistħoqqlu, ma waqax fid-disperament u ma ħadhiex kontra Alla l-Missier. Taħt is-salib kien hemm Ommu Marija, Ġwanni l-appostlu u xi nisa twajba li l-preżenza tagħhom kienet ta' konsolazzjoni għalih. Din l-istess xena tista' terġa' tieħu l-ħajja kull meta aħna niltaqgħu ma' dawn ħutna li jkunu għaddejjin mid-diffikultajiet u t-tbatija ta' refuġjati. Għalkemm aħna ma nistgħu nagħmlu xejn għal dak li kellhom jgħaddu minnu, nistgħu u għandna nkunu ta' konsolazzjoni għalihom. Għandna ngħinuhom iħossu l-preżenza u s-solidarjeta effettiva tagħna magħhom.

**<u>Talbiet tal-ġemgħa:</u>**

1. Mulej tħallix it-tbatija ddallam il-qalb u l-moħħ ta' min ikun għaddej mill-esperjenza iebsa u spiss trawmatika ta' refġjat li jitlef kull sens tal-ħajja. Nitolbu.

2. Mulej ieqaf ma' ħutna r-refuġjati li jaslu li jitilfu kollox ħalli b'xi mod jindunaw u jħossu li ma tilfux il-qawwa tiegħek, li kif tieħu ħsieb saħansitra l-għasafar tal-ajru u l-ġilji tal-widien, hekk tieħu ħsieb tagħhom ukoll. Nitolbu.

3. Fil-mument tas-Salib deher ħafna s-sens tas-solidarjeta ta' dawk li kienu verament iħobbu lil Ġesu; aghti lilna lkoll dan is-sens ta' solidarjeta fit-tbatija. Nitolbu.

**<u>Talba:</u>**

Is-Salib hu sinjal ta' kontradizzjoni, u min hu fuq is-Salib jew hu ta' skandlu jew iblaħ; agħtina Mulej li nidħlu dejjem aktar fil-fond tar-rejalta' tas-Salib li hu mezz ta' salvazzjoni għalkemm hu mezz ta' kontradizzjoni u hu diffiċli meta ġġarbu. Ammen.

**Imberkin l-passjoni u l-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesu Kristu.**
**Mulej ħenn għalina u ieqaf magħna.**




**It-Tnax-il Stazzjon**

**Ġesu Imut Fuq Is-Salib**

**Nadurawk o Ġesu' u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

__Storja:__ Wasal il-mument li grupp ta' refuġjati li kienu ftehmu li jitilqu flimkien, isalpaw. Telgħu fuq id-*dingy* li kien għad-dispożizzjoni tagħhom wara li ħallsu somma ġmielha lil min kien ipprovdihulhom u telqu. Bdew vjaġġ bla destinazzjoni ċara u b'direzzjoni mċajpra. L-elementi ma tantx kienu favorevoli. Wara xi sigħat li kienu fuq il-baħar, beda jqum ir-riħ. Vjaġġ li kellu jdum ftit sigħat beda' jitwal u jsir ferm aktar diffiċli. Il-mutur tad-dgħajsa ħin bla waqt waqaf u bdew jitbandlu mal-mewġ. Fost dawk li kien hemm fuq din id-dgħajsa kien hemm mara li kellha xi xhur ta' tqala. L-għatx kien klubi u ma kellhomx wisq aktar ilma biex itaffuh. Din il-mara, għajjiena u bil-għatx, f'dik il qagħda li kienet bdiet tixrob l-ilma baħar. Ma kienx ilma baħar, għax dan wassalha sa xifer il-mewt, hiu t-tarbija ġo ġufha. Meta sabuhom f'nofs il-baħar il-mara kienet kważi mejta. Waqt l-operazzjoni tas-salvataġġ ħadet l-aħħar nifsijiet u tellgħuha mejta'. Waslet fostna biex tindifen.

__Riflessjoni:__ Pass wara l-ieħor wieħed jinduna fejn twassal it-triq tar-refuġjat. Jgħaddi minn perikli u taħbit kontinwi. Għejja, mard, inċertezzi, dwejjaq, nuqqas ta' komprensjoni, dawn huma l-ingredjenti li jsawwru t-triq tar-refuġjat. Ġieli jkun hemm ukoll il-mewt. X'tista' tagħmel? Għażliet diffiċli imma mhux dejjem evitabbli. Kemm kuraġġ u determinazzjoni jrid ikollok biex tkun tista' tiflaħ tgħaddi minn din l-esperjenza! Karba wara l-oħra, 'Kollox mitmum. F'idejk jiena nerħi ruħi'.

**Talb tal-ġemgħa:**

1. Nitolbuk Mulej għal dawk kollha li tilfu ħajjithom waqt dan il-vjaġġ ta' tama. Agħtihom il-faraġġ tal-imħabba tiegħek fis-sema. Nitolbu.

2. Agħti Mulej il-konsolazzjoni lill-qraba tal-migranti li minħabba l-mewt issa ma jistgħux jaraw lill-għeżież tagħhom. Xi wħud minn dawn lanqas biss jafu x'ġara u li l-maħbubin tagħhom mietu. Nitolbu.

3. Nirringrazzjawk għal tant eżempju sabiħ li jagħtuna, meta xi ħadd minn fosthom imut fil-vjaġġ, dwar kemm jafu jieħdu ħsieb xulxin u jgħinu f'dan il-mument ikrah u iebes. Nitolbu.

**Talba:**

Mulej, il-mewt tiegħek kienet mument ta' abbandun totali fl-imħabba tal-Missier. Nitolbuk ħalli aħna lkoll fil-mument tal-mewt tagħna u tal-mewt ta' ħutna l-migranti, insibu t-tama fik u nkunu sinjal li l-ħajja mal-mewt ma' tintemmx imma tinbidel. Miegħek nibdew ħajja ġdida fejn ma jkunx hemm aktar biki, għejja u wġiegħ. Ammen.




**It-Tettax–il**

**Stazzjon**

**Ġesu' jitniżżel**

**Minn fuq**

**Is-Salib.**

**Nadurawk o Ġesu u nberkuk għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Storja:** Hekk kif xi dgħajsa bir-refuġjati tirfes ix-xtut tagħna huma jkollhom jgħaddu żmien fid-detenzjoni. Dan ukoll hu żmien diffiċli, imma dejjem hemm it-tama li mhux kollox mitluf. Huma jkunu għaddew minn esperjenza tal-biża' imma jkunu rnexxielhom jiskappaw il-mewt. Is-salib jibda jidher qiegħed jiżżarma u jitlef is-setgħa fuqhom. Iżda jkunu jixtiequ jibdew mill-ewwel iduqu l-ħelsien u għalhekk jibqa' d-diżappunt u l-istennija. Aktar ma jdumu fid-detenzjoni aktar jibda jinħass il-qtiegħ il-qalb u l-frustrazzjoni tikber, kultant tant tkun kbira li tkun akkompanjata minn ribelljoni.

**Riflessjoni:** Is-salib, Mulej Ġesu, kien jidher disfatta, qerda u mewt, imma inti tajtu sens ġdid. Permezz tas-Salib għaddejt lilna lkoll mill-mewt għall-ħajja. Għal dawn ħutna, l-akbar salib hu l-mument tal-ħarba minn art twelidhom sal-mument li jirfsu art li tista' toffrilhom xi sens ta' tama fil-ħajja. Din hi tbatija kbira imma dan il-vjaġġ ma jkunx l-aħħar ħaġa f'ħajjithom. Jidher u jkun hemm mumenti fejn ikunu f'ħalq il-mewt u jinħass li kollox ikun mitluf sa kemm terġa' titqawwa t-tama u t-triq terġa' tidher miftuħa għalihom.

**<u>Talb tal-ġemgħa:</u>**

1. Nitobuk Mulej għal kull min iħoss li tant tilef kollox li għalih il-mewt biss tista' isserħu. Għinhom  iħossu li l-ħajja sabiħa u biex fil-mumenti tad-dwejjaq tal-mewt jagħmlu kuraġġ ħalli l-ħajja tkompli.  Nitolbu.

2. Nitolbu għal dawk il-ġenituri kollha li tilfu lil xi ħadd minn uliedhom biex jitfarġu bil-ħsieb li wliedhom jerġgħu jiltaqgħu magħhomfil-ħajja ta' dejjem.

3. Nitolbuk għal dawk kollha li jittrattaw mal-persuni li jkunu għadhom kemm tilfu lil xi ħadd għażiż għalihom biex il-mod u l-kliem li jużaw ikunu dejjem imqanqlin mill-imħabba ta' Alla, f'dawnil-mumenti tant delikati.  Nitolbu.

**<u>Talba:</u>**

Marija inti li lqajt lura fi ħdanek lil Ibnek Ġesu kif radd ruħu fuq is-salib, ibqa' idħol għalina lkoll fil-mumenti diffiċli fejn inħossuna li l-mewt rebħitna.  Idħol għal dawn ħutna refuġjati meta jaraw il-mewt ma wiċċhom.  Agħti l-faraġġ ta' Omm lil tant ġenituri li tilfu lil uliedhom migrant u jħossuhom mitlufin.  Ammen.

**Imberkin l-passjoni u l-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesu Kristu.**
**Mulej ħenn għalina u ieqaf magħna.**



**L-Erbatax-il**

**Stazzjon**

**Ġesu'**

**Midfun f'Qabar**

**Ġdid.**

**Storja:** Abdul Rahman Kamara kien wieħed mill-ewwel refuġjati li waslu Malta bid-dgħajsa mill-Libja. Sakemm dam hawn, ra kif għamel biex jibda jfedni għal rasu u hekk ma jibqax jiddependi fuq l-awtoritajiet. Wara ftit waslet ukoll il-mara tiegħu bit-tifel iż-żgħir għax il-kbir b'xi mod kien intilef. Hekk il-ħajja ta' dawn in-nies ftit ftit bdiet terġa' tieħu sura. Wasal il-mument li instab it-tifel il-kbir u hu wkoll ġie Malta. X'sorpriża kienet! Issa l-ħajja ta' din il-familja bdiet tqum tassew fuq saqajaha. Meta għodwa fost l-oħrajn Abdul kien qiegħed jirritorna d-dar mix-xogħol tiegħu ta' furnar u sa-kemm kien qiegħed jistenna l-korazza tal-linja, jinqala' inċident li jħallieh mejjet fuq il-post. Inċident sfortunat li ħalla vitma innoċenti li kien qiegħed jagħti ħajtu għall-familja wara dak kollu li kellu jgħaddi minnu.

**Riflessjoni:** Meta jitpoġġew il-kaptelli tal-qabar wieħed jista' jaħseb li l-ħajja ma fihioex sens biex ikollha tasal sa hemm. Il-baħħ u s-skiet tal-qabar ipoġġi ħafna mistoqsijiet f'qalbbna. Kif u għaliex qiegħed ngħix il-ħajja? Kemm qiegħed nagħmel l-aħjar użu miż-żmien? Dak kollu li ser inħalli warajja kemm jiswa biex irendi dinja aħjar? Meta jaslu r-risposti għal dawn id-domandi u ħafna oħrajn, imbagħad weħida tfiġġ it-tama; il-ħajja fil-qabar mhix moħlija, imma dan huwa pass biex dak li wieħed ikun għamel f'ħajtu jibqa' jbierek il-memorja tiegħu u jibqa' għaddej biex il-ħajja ta' l-oħrajn issir aħjar. Fuq kollox dan hu kliem Ġesu stess, "Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut ma tistax tagħti l-ħajja."

**Talb tal-Ġemgħa:**

1. Nitolbuk Mulej ngħixu ħajjitna fil-milja tagħha u fuq kollox inkunu għotja sħiħa u kontinwa għall-imħabba ta' xulxin. Nitolbu.

2. Nitolbu għal kull min tilef lil xi ħadd qrib tiegħu u għażiż għalih biex ibierek lil Alla tal-ħajja li kien silfu u jibqa' jiftakar fih fit-talb tiegħu u hekk jibqa' ħaj fil-qalb u fil-memorja. Nitolbu.

3. Nitolbu biex ilkoll kemm aħna nemmnu fil-ħajja ta' dejjem filwaqt li ngħixu mill-aħjar li nistgħu l-ħajja ta' issa. Nitolbu.

**Talba:**

Mulej, inti li rajt il-ġisem tiegħek imqiegħed fil-qabar, bierek dan ilpost li inti ħriġt minnu rebbieħ fuq il-mewt. Agħllimna ma nistkerrħux l-oqbra fejn jistrieħu l-iġsma ta' ħutna. Agħllimna wkoll biex bil-fidi nħarsu lil hinn minn kull qabar u ngħixu bit-tama tal-ħajja ta' dejjem. Ammen.